

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B****ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

tas-27 ta' Lulju 1976

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi

(76/768/KEE)

(ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169)

Emendata minn:

## Ġurnal Uffiċjali

		Nru	Paġna	Data
► <b>M1</b>	Id-Direttiva tal-Kunsill 79/661/KEE ta' 1-24 ta' Lulju 1979	L 192	35	31.7.1979
► <b>M2</b>	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 82/147/KEE tal-11 ta' Frar 1982	L 63	26	6.3.1982
► <b>M3</b>	Id-Direttiva tal-Kunsill 82/368/KEE tas-17 ta' Mejju 1982	L 167	1	15.6.1982
► <b>M4</b>	It-tieni Direttiva tal-Kummissjoni 83/191/KEE tat-30 ta' Marzu 1983	L 109	25	26.4.1983
► <b>M5</b>	It-tielet Direttiva tal-Kummissjoni 83/341/KEE tad-29 ta' Ġunju 1983	L 188	15	13.7.1983
► <b>M6</b>	Ir-raba' Direttiva tal-Kummissjoni 83/496/KEE tat-22 ta' Settembru 1983	L 275	20	8.10.1983
► <b>M7</b>	Id-Direttiva tal-Kunsill 83/574/KEE tas-26 ta' Ottubru 1983	L 332	38	28.11.1983
► <b>M8</b>	Il-ħames Direttiva tal-Kummissjoni 84/415/KEE tat-18 ta' Lulju 1984	L 228	31	25.8.1984
► <b>M9</b>	Is-sitt Direttiva tal-Kummissjoni 85/391/KEE tas-16 ta' Lulju 1985	L 224	40	22.8.1985
► <b>M10</b>	Is-seba' Direttiva tal-Kummissjoni 86/179/KEE tat-28 ta' Frar 1986	L 138	40	24.5.1986
► <b>M11</b>	It-tminn Direttiva tal-Kummissjoni 86/199/KEE tas-26 ta' Marzu 1986	L 149	38	3.6.1986
► <b>M12</b>	Id-disa' Direttiva tal-Kummissjoni 87/137/KEE tat-2 ta' Frar 1987	L 56	20	26.2.1987
► <b>M13</b>	L-għaxar Direttiva Tal-Kummissjoni 88/233/KEE tat-2 ta' Marzu 1988	L 105	11	26.4.1988
► <b>M14</b>	Id-Direttiva tal-Kunsill 88/667/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988	L 382	46	31.12.1988
► <b>M15</b>	Il-Ħdax-Il Direttiva tal-Kummissjoni 89/174/KEE tal-21 ta' Frar 1989	L 64	10	8.3.1989
► <b>M16</b>	Id-Direttiva tal-Kunsill 89/679/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989	L 398	25	30.12.1989
► <b>M17</b>	It-Tnax-Il Direttiva tal-Kummissjoni 90/121/KEE tal-20 ta' Frar 1990	L 71	40	17.3.1990
► <b>M18</b>	It-tlettax-il Direttiva tal-Kummissjoni 91/184/KEE tat-12 ta' Marzu 1991	L 91	59	12.4.1991
► <b>M19</b>	L-erbatax-il Direttiva tal-Kummissjoni 92/8/KEE tat-18 ta' Frar 1992	L 70	23	17.3.1992
► <b>M20</b>	Il-ħmistax-il Direttiva tal-Kummissjoni 92/86/KEE tal-21 ta' Ottubru 1992	L 325	18	11.11.1992
► <b>M21</b>	Id-Direttiva tal-Kunsill 93/35/KEE ta' 1-14 ta' Ġunju 1993	L 151	32	23.6.1993
► <b>M22</b>	Is-sittax il-Direttiva tal-Kummissjoni 93/47/KEE tat-22 ta' Ġunju 1990	L 203	24	13.8.1993
► <b>M23</b>	Is-Sbatax-il Direttiva tal-Kummissjoni 94/32/KEE tad-29 ta' Ġunju 1994	L 181	31	15.7.1994
► <b>M24</b>	It-18-il Direttiva tal-Kummissjoni 95/34/KEE ta' 1-10 ta' Lulju 1995	L 167	19	18.7.1995
► <b>M25</b>	Id-dsatax-il Direttiva tal-Kummissjoni 96/41/KEE tal-25 ta' Ġunju 1996	L 198	36	8.8.1996

► <b><u>M26</u></b>	L-20 Direttiva tal-Kummissjoni 97/1/KE ta' 1-10 ta' Jannar 1997	L 16	85	18.1.1997
► <b><u>M27</u></b>	Commission Directive 97/18/EC of 17 April 1997 (*)	L 114	43	1.5.1997
► <b><u>M28</u></b>	Il-21 Direttiva tal-Kummissjoni 97/45/KE ta' 1-14 ta' Lulju 1997	L 196	77	24.7.1997
► <b><u>M29</u></b>	It-tnejn u Ghoxrin Direttiva tal-Kummissjoni 98/16/KE tal-5 ta' Marzu 1998	L 77	44	14.3.1998
► <b><u>M30</u></b>	It-23 Direttiva tal-Kummissjoni 98/62/KE tat-3 ta' Settembru 1998	L 253	20	15.9.1998
► <b><u>M31</u></b>	L-Erbgħa u Ghoxrin Direttiva tal-Kummissjoni 2000/6/KE tad-29 ta' Frar 2000	L 56	42	1.3.2000
► <b><u>M32</u></b>	Il-Ħamsa u Ghoxrin Direttiva tal-Kummissjoni 2000/11/KE ta' 1-10 ta' Marzu 2000	L 65	22	14.3.2000
► <b><u>M33</u></b>	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/41/KE tad-19 ta' Ġunju 2000	L 145	25	20.6.2000
► <b><u>M34</u></b>	Is-sitta u għoxrin Direttiva tal-Kunsill 2002/34/KE tal-15 ta' April 2002	L 102	19	18.4.2002
► <b><u>M35</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2003/1/KE tas -6 ta' Jannar 2003	L 5	14	10.1.2003
► <b><u>M36</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2003/16/KE tad-19 ta' Frar 2003	L 46	24	20.2.2003
► <b><u>M37</u></b>	Id-Direttiva 2003/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003	L 66	26	11.3.2003
► <b><u>M38</u></b>	Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/80/KE tal-5 ta' Settembru 2003	L 224	27	6.9.2003
► <b><u>M39</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni Nru 2003/83/KE tal-24 ta' Settembru 2003	L 238	23	25.9.2003
► <b><u>M40</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2004/87/KE tas-7 ta' Settembru 2004	L 183M	117	5.7.2006
► <b><u>M41</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2004/88/KE tas-7 ta' Settembru 2004	L 183M	118	5.7.2006
► <b><u>M42</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2004/94/KE tal-15 ta' Settembru 2004	L 183M	177	5.7.2006
► <b><u>M43</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2004/93/KE tal-21 ta' Settembru 2004	L 183M	179	5.7.2006
► <b><u>M44</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2005/9/KE tat-28 ta' Jannar 2005	L 278M	1	21.10.2008
► <b><u>M45</u></b>	Commission Directive 2005/42/EC of 20 June 2005 (*)	L 158	17	21.6.2005
► <b><u>M46</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2005/52/KE tad-9 ta' Settembru 2005	L 287M	327	18.10.2006
► <b><u>M47</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2005/80/KE tal-21 ta' Novembru 2005	L 321M	174	21.11.2006
► <b><u>M48</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2006/65/KE tad-19 ta' Lulju 2006	L 314M	139	1.12.2007
► <b><u>M49</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2006/78/KE tad-29 ta' Settembru 2006	L 314M	257	1.12.2007
► <b><u>M50</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2007/1/KE tad-29 ta' Jannar 2007	L 56M	7	29.2.2008
► <b><u>M51</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2007/17/KE tat-22 ta' Marzu 2007	L 56	161	29.2.2008
► <b><u>M52</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2007/22/KE tas-17 ta' April 2007	L 56M	294	29.2.2008
► <b><u>M53</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2007/53/KE tad-29 ta' Awwissu 2007	L 226	19	30.8.2007
► <b><u>M54</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2007/54/KE tad-29 ta' Awwissu 2007	L 226	21	30.8.2007
► <b><u>M55</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2007/67/KE tat-22 ta' Novembru 2007	L 305	22	23.11.2007
► <b><u>M56</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2008/14/KE tal-15 ta' Frar 2008	L 42	43	16.2.2008
► <b><u>M57</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2008/42/KE tat-3 ta' April 2008	L 93	13	4.4.2008
► <b><u>M58</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2008/88/KE tat-23 ta' Settembru 2008	L 256	12	24.9.2008
► <b><u>M59</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2008/123/KE tat-18 ta' Diċembru 2008	L 340	71	19.12.2008
► <b><u>M60</u></b>	Direttiva 2008/112/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008	L 345	68	23.12.2008
► <b><u>M61</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2009/6/KE tal-4 ta' Frar 2009	L 36	15	5.2.2009
► <b><u>M62</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2009/36/KE tas-16 ta' April 2009	L 98	31	17.4.2009
► <b><u>M63</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2009/129/KE tad-9 ta' Ottubru 2009	L 267	18	10.10.2009
► <b><u>M64</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2009/130/KE tat-12 ta' Ottubru 2009	L 268	5	13.10.2009
► <b><u>M65</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2009/134/KE tat-28 ta' Ottubru 2009	L 282	15	29.10.2009
► <b><u>M66</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2009/159/EU tas-16 ta' Diċembru 2009	L 336	29	18.12.2009

(\*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti

▶ <b><u>M67</u></b>	Regolament (KE) 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009	L 342	59	22.12.2009
▶ <b><u>M68</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2009/164/UE tat-22 ta' Diċembru 2009	L 344	41	23.12.2009
▶ <b><u>M69</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2010/3/UE tal-1 ta' Frar 2010	L 29	5	2.2.2010
▶ <b><u>M70</u></b>	Direttiva tal-Kummissjoni 2010/4/UE tat-8 ta' Frar 2010	L 36	21	9.2.2010

Emendata minn:

▶ <b><u>A1</u></b>	Att ta' Adeżjoni tal-Greċja	L 291	17	19.11.1979
▶ <b><u>A2</u></b>	Att ta' Adeżjoni ta' Spanja u l-Portugall	L 302	23	15.11.1985

Kkoreġuta minn:

▶ <b><u>C1</u></b>	Emendi, Ġ.U. L 258, 4.10.2007, p. 44 (76/768/KEE)
▶ <b><u>C2</u></b>	Emendi, Ġ.U. L 136, 24.5.2008, p. 52 (76/768/KEE)
▶ <b><u>C3</u></b>	Emendi, Ġ.U. L 103, 23.4.2009, p. 30 (76/768/KEE)
▶ <b><u>C4</u></b>	Emendi, Ġ.U. L 3, 7.1.2010, p. 30 (76/768/KEE)



**ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**tas-27 ta' Lulju 1976**

**dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi**

(76/768/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunita Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku w Soċjali <sup>(2)</sup>,

Billi d-dispożizzjonijiet stabbiliti b'liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva fis-seħħ fl-Istati Membri jiddefinixxu l-karatteristiċi tal-komposizzjoni li magghom għandhom jikkonformaw il-prodotti kosmetiċi u jippreskrivu regoli għall-ittikkettjar tagħhom u għall-imbagg tagħhom; billi dawn id-dispożizzjonijiet huma differenti minn Stat Membru għal ieħor;

Billi d-differenzi bejn dawn il-liġijiet jobbligaw lill-produtturi tal-kosmetiċi tal-Komunita sabiex ivarjaw il-produzzjoni tagħhom skond l-Istat Membru li għalih ikunu maħsubin il-prodotti; billi, konsegwentament, dawn jostakolaw il-kummerċ ta' dawn il-prodotti u, b'riżultat, ikollhom effett dirett fl-istabiliment u t-tħaddim tas-suq komuni;

Billi l-għan ewlieni ta' dawn il-liġijiet huwa l-protezzjoni tas-saħħa pubblika u billi, b'riżultat, li jintlaħaq dan l-istess għan għandu jispira leġislazzjoni tal-Komunita f'dan is-settur; billi, iżda, dan l-għan għandu jintlaħaq permezz ta' mezzi li jagħtu kas ukoll tal-ħtiġiet ekonomiċi u teknoloġiċi;

Billi hemm bżonn li jiġu stabbiliti fuq livell tal-Komunita r-regolamenti li għandhom jiġu osservati f'dak li għandu x'jaqsam ma' komposizzjoni, itikkettjar u ppakkjar ta' prodotti kosmetiċi;

Billi din id-Direttiva għandha x'taqsam biss ma' prodotti kosmetiċi u mhux ma' speċjalitajiet farmaċewtiċi u prodotti mediċinali; billi għal dan il-għan hemm bżonn li jkun imfisser l-għan tad-Direttiva billi jiġi delimitat il-qasam tal-kosmetiċi minn dak ta' farmaċewtiċi; billi din id-delimitazzjoni toħroġ b'mod partikolari mid-definizzjoni dettaljata ta' prodotti kosmetiċi, li tirreferi kemm għall-oqsma ta' applikazzjoni tagħhom u kemm għall-għanijiet ta' l-użu tagħhom; billi din id-Direttiva ma hix applikabbli għall-prodotti li jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' prodott kosmetiku iżda għal dawk li huma maħsubin esklussivament sabiex jiproteġu minn mard; billi, barra minn dan, huwa ta' min li jkun speċifikat li ċerti prodotti jaqgħu taħt din id-definizzjoni, billi prodotti li fihom sustanzi jew ►**M60** taħlitiet ◀ maħsuba sabiex jinbelgħu, jinxtammu, jiġu injettati jew impjantati fil-ġisem uman ma jaqgħux taħt il-qasam ta' kosmetiċi;

Billi fl-istat preżenti ta' riċerka, huwa ta' min li jiġu nklużi prodotti kosmetiċi li jkun fihom sustanza waħda jew aktar minn dawk elenkati fl-Anness V mill-għan ta' din id-Direttiva;

<sup>(1)</sup> ĠU C 40, 8.4.1974, p. 71.

<sup>(2)</sup> ĠU C 60, 26.7.1973, p. 16.

**▼B**

Billi prodotti kosmetiċi ma għandhomx ikunu ta' ħsara taħt kundizzjonijiet normali jew imbassra ta' użu; billi b'mod partikolari hemm bżonn li jingħata kas tal-possibilità ta' perikolu f'żoni tal-ġisem li jmissu mal-parti fejn jiġi applikat;

Billi, b'mod partikolari, l-istabbiliment tal-metodi ta' analiżi flimkien ma' modifikazzjonijiet jew żjodiet possibbli li jista' jkun hemm bżonn li jsirulhom fuq il-bażi tar-riżultati ta' riċerka xjentifika u teknika, huma miżuri implimentattivi ta' natura teknika; billi huwa ta' min jafda l-adozzjoni tagħhom lill-Kummissjoni, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet speċifikati f'din id-Direttiva, għall-għan li tiġi simplifikata u mgħaġġla l-proċedura;

Billi l-progress tekniku jeħtieġ addattament ta' malajr tad-dispożizzjonijiet tekniċi definiti f'din id-Direttiva u f'Direttivi sussegwenti f'dan il-qasam; billi huwa ta' min, sabiex tkun iffaċilitata l-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa għal dan il-għan, li jkun provdut għal proċedura li tistabbilixxi kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat għal addattament għal progress tekniku ta' Direttivi maħsuba għat-tneħħija ta' ostakoli tekniċi għal kumerċ fis-settur ta' prodotti kosmetiċi;

Billi hemm bżonn, fuq il-bażi ta' riċerka xjentifika u teknika, li jiġu stabbiliti proposti għal listi ta' sustanzi awtorizzati li jistgħu jinkludu antiossidanti, żebġha tax-xagħar, preservattivi u filtri ta' l-ultravjola, waqt li jingħata kas b'mod partikolari tal-problema ta' sensitizzazzjoni;

Billi jista' jiġri li għalkemm jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u ta' l-Annessi tagħha, prodotti kosmetiċi mqiegħda fis-suq jistgħu jpoġġu fil-perikolu s-saħħa pubblika; billi huwa għalhekk ta' min jipprovdni għal proċedura maħsuba sabiex tneħħi dan il-perikolu,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**▼M21**

1. “Prodott kosmetiku” ifisser kull sustanza jew ►**M60** taħlita ◀ intiża biex titqiegħed f'kuntatt ma' diversi partijiet esterni tal-ġisem tal-bniedem (il-ġilda, sistema tax-xagħar, dwiefer, xuftejn u organi ġenitali esterni) jew mas-sniem u l-membrani mukkużi tal-kavità orali bil-ħsieb esklussiv jew prinċipali biex tnaddafhom, tfewwahhom, tbiddel id-dehra tagħhom u/jew tikkoreġi rwejjaħ tal-ġisem u/jew tħarishom jew iżżommhom f'kundizzjoni tajba.

**▼B**

2. Il-prodotti li għandhom jiġu kunsidrati bħala prodotti kosmetiċi fit-tifsira ta' din id-definizzjoni huma elenkati fl-Anness I.

**▼M14**

3. Prodotti kosmetiċi li jkun fihom waħda mis-sustanzi elenkati f'Anness V għandhom ikunu esklużi mill-iskop ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri jistgħu jieħdu dawk il-miżuri li jqisu li huma meħtieġa fir-rigward ta' dawk il-prodotti.

▼ **M21***Artikolu 2*

Prodott kosmetiku mqiegħed fis-suq fi ħdan il-Komunità m'għandux jikkawża ħsara lil saħħet il-bniedem meta jiġi applikat f'kundizzjonijiet ta' użu normali jew raġjonevolment prevedibbli, waqt li jiġu kkunsidrati, b'mod partikulari, il-presentazzjoni tal-prodott, it-tikkettjar tiegħu, xi struzzjonijiet għall-użu u disponiment tiegħu kif ukoll kull indikazzjoni jew informazzjoni oħra pprovduta mill-manifattur jew mill-aġent awtorizzat minnu jew minn xi persuna oħra responsabbli biex il-prodott jitqiegħed fis-suq tal-Komunità.

Il-provvediment ta' dawn l-avvertenzi m'għandux, fl-ebda każ, jeżenta lil xi persuna milli tkun konformi mal-ħtiġiet l-oħra stabbiliti f'din id-Direttiva.

▼ **B***Artikolu 3*

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li prodotti kosmetiċi li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u l-Annessi tagħha biss ikunu jistgħu jitqiegħdu fis-suq.

▼ **M3***L-Artikolu 4*

1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi ġenerali tagħhom li jkunu ġejjin mill-Artikolu 2, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu s-suq ta' prodotti kosmetiċi li fihom:

▼ **B**

- (a) sustanzi elenkati fl-Anness II;
- (b) sustanzi elenkati fl-ewwel parti ta' l-Anness III, barra mill-limiti u barra mill-kundizzjonijiet stabbiliti;

▼ **M14**

- (c) koloranti appartni minn dawk elenkati f'Anness IV, il-Parti 1, bl-eċċezzjoni tal-prodotti kosmetiċi li jkun fihom koloranti intiżi unikament biex jiżbgħu ix-xagħar;
- (d) koloranti elenkati f'Anness IV, il-Parti 1, li mhux użati fil-kundizzjonijiet stabbiliti, bl-eċċezzjoni tal-prodotti kosmetiċi li jkun fihom koloranti intiżi unikament biex jiżbgħu ix-xagħar;

▼ **M3**

- (e) preservattivi għajr dawk elenkati fl-Anness VI, l-1 Parti;
- (f) preservattivi elenkati fl-Anness VI, l-1 Parti, barra l-limiti u l-kundizzjonijiet stabbiliti, sakemm ma jkunux użati konċentrazzjonijiet oħra għal għanijiet speċifiċi li jidhru mill-preżentazzjoni tal-prodott;

▼ **M7**

- (g) filtri UV minbarra dawk elenkati fil-Parti 1 ta' l-Anness VII;
- (h) filtri UV elenkati fil-Parti 1 ta' l-Anness VII, il-barra l-limiti u l-kundizzjonijiet stabbiliti hemmhekk.

▼ **M37**

▼ **M3**

2. Għandha titħalla l-preżenza ta' traċċi u sostanzi elenkati fl-Anness II sakemm preżenza bħal din ma tkunx tista' teknikament tiġi evitata fi Prattika ta' Fabbrikazzjoni Tajba u li tkun tikkonforma ma' l-Artikolu 2.

▼ **M37***L-Artikolu 4a*

1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi ġenerali li jidderivaw mill-Artikolu 2, l-Istati Membri għandhom jipprojbixxu:

- (a) il-*marketing* tal-prodotti kosmetiċi meta l-formolazzjoni finali, sabiex tissodisfa l-ħtiġiet ta' din id-Direttiva, kienet is-suġġett li l-annimali jiġu ttestjati bl-użu ta' metodu ieħor għajr il-metodu alternattiv wara li dan il-metodu alternattiv kien ġie vvalidat u adottat fil-livell Komunitarju b'rigward xieraq għall-iżvilupp tal-validazzjoni ġewwa l-*OECD*;
- (b) il-*marketing* tal-prodotti kosmetiċi li jkun fihom l-ingredjenti jew il-ghaqdjet ta' l-ingredjenti li, sabiex jissodisfaw il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva, kienu s-suġġett li l-annimali jiġu ttestjati bl-użu ta' metodu ieħor għajr il-metodu alternattiv wara li dan il-metodu alternattiv kien ġie vvalidat u adottat fil-livell Komunitarju b'rigward xieraq għall-iżvilupp tal-validazzjoni ġewwa l-*OECD*;
- (c) it-twertieq fuq it-territorju tagħhom ta' testijiet fuq l-annimali tal-prodotti kosmetiċi mlestija sabiex jissodisfaw il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva;

▼ **M60**

(d) it-twertieq fuq it-territorju tagħhom ta' testjar ta' annimali ta' ingredjenti jew kombinazzjonijiet ta' ingredjenti sabiex jintlaħqu r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, mhux aktar tard mid-data li fiha testijiet tali huma meħtieġa li jinbidlu b'metodu jew metodi vvalidat(i) elenkati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 440/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi metodi ta' testjar skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) <sup>(1)</sup>, jew fl-Anness IX ta' din id-Direttiva.

▼ **M37**

Mhux iktar tard mill-11 ta' Settembru 2004, il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 10(2) u wara konsultazzjoni mal-Kumitat Xjentifiku tal-Prodotti Kosmetiċi u tal-Prodotti Mhux ta' l-Ikel maħsuba għall-Konsumaturi (SCCNFP) tistabbilixxi l-kontenut ta' l-Anness IX.

2. Il-Kummissjoni, wara konsultazzjoni mal-SCCNFP u ċ-Ċentru Ewropew tal-Validazzjoni tal-Metodi Alternattivi (ECVAM), għandha tistabbilixxi l-iskedi taż-żmien sabiex jiġu implimentati d-disposizzjonijiet skond il-paragrafu 1 (a), (b) u (d), inklużi t-temmiet taż-żmien sabiex it-testijiet varji ma jibqgħux jintużaw. L-iskedi taż-żmien għandhom jiġu magħmula disponibbli lill-pubbliku mhux iktar tard mill-11 ta' Settembru 2004 u jintbagħtu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-perjodu taż-żmien ta' l-implimentazzjoni għandu jkun limitat għal massimu ta' sitt snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2003/15/KE fejn jidħol il-paragrafu 1(a), (b) u (d).

<sup>(1)</sup> ĠU L 142, 31.5.2008, p. 1.

▼ **M37**

2.1. Fejn jidħlu t-testijiet li jirrigwadaw it-tossiċit tad-doża mtennija, it-tossiċit tar-riproduzzjoni u t-tossiċokinetika, li għalihom għandhom ma jeżistu l-ebda alternattivi taħt konsiderazzjoni, il-perjodi taż-żmien sabiex jiġi implimentat il-paragrafu 1 (a) u (b) għandhom ikunu limitati għal massimu ta' 10 snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2003/15/KE.

2.2. Il-Kummissjoni għandha tistudja d-diffikultajiet tekniċi possibbli sabiex titħares il-projbizzjoni fejn għandhom x'jaqsmu t-testijiet, u b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw it-tossiċit tad-doża mtennija, it-tossiċit tar-riproduzzjoni u t-tossiċokinetika, li għalihom għad ma jeżistu l-ebda alternattivi taħt konsiderazzjoni. It-tagħrif dwar ir-riżultati proviżorji u finali ta' dawn l-istudji għandhom jiffurmaw parti mir-rapporti ta' kull sena ppreżentati skond l-Artikolu 9.

Fuq il-bażi ta' dawn ir-rapporti annwali, l-iskedi taż-żmien stabbiliti skond il-paragrafu 2 jistgħu jiġu addattati fil-limiti massimi taż-żmien ta' sitt snin kif riferit fil-paragrafu 2 jew ta' 10 snin kif riferit fil-paragrafu 2.1 u wara konsultazzjoni ma' l-entitajiet riferiti fil-paragrafu 2.

2.3. Il-Kummissjoni għandha tistudja l-progress u t-tħaris tat-termini taż-żmien kif ukoll id-diffikultajiet tekniċi possibbli sabiex titħares il-projbizzjoni. It-tagħrif dwar ir-riżultati proviżorji u finali ta' l-istudji tal-Kummissjoni għandhom jiffurmaw parti mir-rapporti ta' kull sena ppreżentati skond l-Artikolu 9. Jekk dawn l-istudji jikkonkludu, l-iktar tard sa sentejn qabel it-tmiem tal-perjodu massimu taż-żmien riferit fil-paragrafu 2.1, illi għal raġunijiet tekniċi test jew iktar riferiti fil-paragrafu 2.1 ma jiġux żviluppatti u vvalidati qabel ma jiskadi l-perjodu taż-żmien riferit fil-paragrafu 2.1, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandha tressaq proposta leġislattiva skond l-Artikolu 51 tat-Trattat.

2.4. F'ċirkostanzi eċċezzjonali meta jinħoloq tħassib gravi rigward is-sigurtà ta' ingredjent kosmetiku eżistenti, Stat Membru jista' jitlob lill-Kummissjoni li tikkonċedi deroga mill-paragrafu 1. It-talba għandu jkun fiha valutazzjoni tas-sitwazzjoni u tindika l-miżuri meħtieġa. Fuq dan il-bażi, il-Kummissjoni tista', wara konsultazzjoni mal-SCCNFP u permezz ta' deċiżjoni rraġjonata, tawtorizza d-deroga skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 10(2). Din l-awtorizzazzjoni għandha tistabbilixxi l-kondizzjonijiet assoċjati ma' din id-deroga f'termini ta' għanijiet speċifiċi, it-tul taż-żmien u r-rappurtaġġ tar-riżultati.

Deroga tista' tiġi konċessa biss jekk:

- (a) l-ingredjent ikun jintuża ħafna u ma jistax jiġi mibdul b'ingredjent ieħor kapaċi li jwettaq funzjoni simili;
- (b) tiġi ssostanzjata l-problema speċifika tas-saħħa tal-bniedem u tiġi ġġustifikata l-ħtieġa li jiġu kondotti t-testijiet fuq l-animali u tkun appoġġjata bi Protokoll iddettaljat ta' riċerka propost bħala bażi għall-valutazzjoni.

Id-deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni, il-kondizzjonijiet assoċjati magħha u r-riżultat finali miksub għandhom jaggmli parti mir-rapport annwali li għandu jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni skond l-Artikolu 9.



**▼ M37**

3. Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu:
- (a) “prodott kosmetiku mlesti” jfisser il-prodott kosmetiku fil-formo-lazzjoni finali tiegħu, kif imqiegħed fis-suq u magħmul disponibbli lill-konsumatur finali, jew il-prototip tiegħu.
- (b) “prototip” ifisser l-ewwel mudell jew disinn li ma jkunux ġew prodotti f'lottijiet u li minnhom jiġi kkopjat il-prodott kosmetiku mlesti jew żviluppat finalment.

**▼ M67****▼ M14***Artikolu 5*

L-Istati Membri għandhom jippermettu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti kosmetiċi li jkun fihom:

- (a) is-sustanzi elenkati f'Anness III, il-Parti 2, fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti, sad-dati fil-kolonna (g) ta' dak l-Anness;
- (b) il-koloranti elenkati f'Anness IV, il-Parti 2, fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti, sad-dati tad-dħul mogħtija f'dak l-Anness;
- (c) il-preservattivi elenkati f'Anness VI, il-Parti 2, fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti, sad-dati mogħtija fil-kolonna (f) ta' dak l-Anness. B'danakollu, uħud minn dawn is-sustanzi jistgħu jintużaw f'konċentrazzjonijiet oħra għal skopijiet speċifiċi apparenti mill-presentazzjoni tal-prodott;
- (d) il-filtri UV elenkati fil-Parti 2 ta' Anness VII, fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti, sad-dati mogħtija fil-kolonna (f) ta' dak l-Anness.

F'dawn id-dati, dawn is-sustanzi koloranti, preservattivi u filtri UV għandhom:

- ikunu definittivament permissibbli, jew
- definittivament ipprojbiti (Anness II), jew
- imħollija għal perijodu definit speċifikat fil-Parti 2 ta' Annessi III, IV, VI jew
- imħassra mill-Annessi kollha, fuq il-bażi tat-tagħrif xjentifiku disponibbli jew għax ma jkunux użati aktar.

▼ **M21***Artikolu 5a*

1. Mhux aktar tard mill-14 ta' Diċembru 1994 il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10, tiġbor inventarju ta' l-ingredjenti fi prodotti kosmetiċi, fuq il-bażi b'mod partikulari ta' l-informazzjoni pprovduta mill-industrija relatata.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, “ingredjent kosmetiku” għandu jfisser kull sustanza jew ► **M60** taħlita ◀ kimika ta' oriġini sintetika jew naturali, appartni milli għal fwieħa u komposizzjonijiet aromatiċi, użati fil-komposizzjoni ta' prodotti kosmetiċi.

L-inventarju għandu jkun imqassam f'żewġ sezzjonijiet: waħda dwar il-fwieħa u l-materjali aromatiċi mhux maħduma u t-tieni dwar sustanzi oħrajn.

2. L-inventarju għandu jkun fih informazzjoni dwar:

— l-identità ta' kull ingredjent, b'mod partikulari l-isem kimiku tiegħu, l-isem CTFA, l-isem tal-Farmakopea Ewropea, l-ismijiet internazzjonali mhux proprjetarji rakkomandati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, l-Einecs, il-Iupac, il-CAS u n-numri ta' l-indiċi tal-kuluri, u l-isem komuni li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 7(2),

— il-funzjoni(jiet) tas-soltu ta' l-ingredjent fil-prodott finali,

— fejn hu xieraq, restrizzjonijiet u kundizzjonijiet ta' l-użu u avvertenzi li għandhom ikunu stampati fuq it-tikketta b'referenza għall-Annessi.

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-inventarju u għandha taġġornah perjodikament skond il-proċedura li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 10. L-inventarju għandu jkun indikattiv u għandu jikkostitwixxi f'elenu ta' sustanzi awtorizzati għall-użu fil-prodotti kosmetiċi.

▼ **M14***Artikolu 6*▼ **M21**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jassiguraw li l-prodotti kosmetiċi jkunu jistgħu jinbiegħu biss jekk il-kontenitur u l-imballaġġ iġibu t-tagħrif li ġej f'karattri li ma jitħassrux, li jinqraw faċilment u li jidhru sewwa; l-informazzjoni msemmija fil-punt (g) tista', b'danakollu, tkun indikata fuq l-imballaġġ biss:

▼ **M14**

(a) l-isem jew l-istil u l-indirizz jew uffiċċju rreġistrat tal-manifattur jew tal-persuna responsabbli għat-tqehid fis-suq tal-prodott kosmetiku li jkun stabbilit fil-Komunità. Din l-informazzjoni tista' titqassar sakemm it-taqas tagħmilha ġeneralment possibbli li tkun identifikata l-intrapriża. L-Istati membri jistgħu jinħtieġu li l-pajjiż ta' oriġini jkun speċifikat għall-oġġetti manifatturati barra mill-Komunità;

(b) il-kontenut nominali fil-ħin ta' l-imballaġġ, mogħti bil-piż jew bil-volum, ħlief fil-każ ta' imballaġġ li jkun fih anqas minn ħames grammi jew ħames millilitri, kampjuni bla ħlas u pakketti ta' applikazzjoni waħda; għal oġġetti imballati minn qabel normalment mibjugħa bħala għadd ta' oġġetti, li għalihom id-dettalji tal-piż jew ta' volum ma jkunux sinifikanti, il-kontenut mhux meħtieġ li jingħata kemm-il darba l-għadd ta' l-oġġetti jkun jidher fuq l-imballaġġ. Din l-informazzjoni mhix meħtieġa li tingħata jekk l-għadd ta' l-oġġetti ikun faċli li jidher minn barra jew jekk il-prodott normalment ikun jinbiegħ biss individwalment;

**▼ M37**

- (c) Id-data tat-tul taż-żmien minimu għandha tkun indikata bil-kliem: “l-aħjar użat qabel it-tmien ta’”; segwit jew:

— bid-data nfisha, jew

— bid-dettalji ta’ fejn tidher fuq l-imballaġġ.

Id-data għandha tkun espressa biċ-ċar u għandu jkun fiha jew ix-xahar u s-sena jew il-jum, ix-xahar u s-sena f’din l-ordni. Jekk meħtieġ, dan it-tagħrif għandu jkun issupplimentat b’indikazzjoni tal-kondizzjonijiet li għandhom jiġu ssoddisfatti sabiex jiggarrantixxu t-tul taż-żmien iddikjarat.

L-indikazzjoni tad-data tat-tul taż-żmien ma għandhiex tkun mandatorja għall-prodotti kosmetiċi b’tul taż-żmien minimu ta’ iktar minn 30 xahar. Għal dawn il-prodotti, għandu jkun hemm indikazzjoni tal-perjodu taż-żmien għal wara l-ftuħ li fih il-prodott ikun jista’ jiġi wżat mingħajr ebda ħsara għall-konsumatur. Dan it-tagħrif għandu jiġi indikat bis-simbolu mogħti fl-Anness VIIIa segwit bil-perjodu taż-żmien (f’xhur u/jew snin);

**▼ M21**

- (d) prekawzjonijiet partikulari li għandhom jiġu osservati waqt l-użu, speċjalment dawk elenkati fil-kolonna “Kondizzjonijiet għall-użu u twiddib li għandhom ikunu stampati fuq it-tikketta” fl-Annessi III, IV, VI u VII, li għandhom ikunu fuq il-kontenitur u l-imballaġġ, kif ukoll fuq kull informazzjoni speċjali prekawzjonarja fuq il-prodotti kosmetiċi għall-użu professjonali, b’mod partikulari fuq ix-xagħar. Meta dan ikun impossibbli għal raġunijiet prattiċi, fuljett, tikketta, żigarella jew biljett magħluq ġewwa għandhom ikollhom dik l-informazzjoni li għaliha jkun riferut il-konsumatur jew b’informazzjoni fil-qosora jew bis-simbolu mogħti fl-Anness VIII, li għandu jkun fuq il-kontenitur u l-imballaġġ;

**▼ M14**

- (e) in-numru tal-lott tal-manifattura jew ir-referenza għall-identifikazzjoni ta’ l-oġġetti. Meta dan ikun impossibbli għal raġunijiet prattiċi minħabba li l-prodotti kosmetiċi huma żgħar wisq, ikun bizzżej jekk din l-informazzjoni tidher biss fuq l-imballaġġ;

**▼ M21**

- (f) il-funzjoni tal-prodott, sakemm ikun ċar mill-preżentazzjoni tal-prodott;

**▼ M37**

- (g) lista ta’ l-ingredjenti fl-ordni dixxendenti tal-piż fiż-żmien meta jiġu miżjudi. Din il-lista għandha ġġib qabilha l-kelma “ingredjenti”. Meta dan ikun impossibbli għal raġunijiet prattiċi, fuljett, tikketta, żigarella jew biljett imdaħħla ġewwa għandu ikun fihom l-ingredjenti li għalihom jiġi riferit il-konsumatur b’tagħrif abbrevjat jew bis-simbolu mogħti fl-Anness VIII, li għandu jidher fuq l-imballaġġ.

Dawn li ġejjin ma għandhomx, madankollu, jitqiesu bħala ingredjenti:

— l-impuritajiet fil-materji prima wżati,

**▼ M37**

- il-materjali tekniċi sussidjarji wżati fit-tħejjija imma mhux preżenti fil-prodott finali,
- il-materjali wżati fi kwantitajiet strettament meħtieġa bħala solventi jew bħala trasportaturi għall-kompożizzjoniet tal-fwieħa u aromatiċi.

Il-kompożizzjonijiet tal-fwieħa u aromatiċi u l-materji prima tagħhom għandhom jiġu riferiti bil-kliem “fwieħa” jew “aroma”. Madankollu, il-preżenza tas-sustanzi, li s-semmija tagħhom tinħtieġ taħt il-kolonna “limitazzjonijiet u ħtiġiet oħra” fl-Anness III, għandha tiġi indikata fil-lista irrispettivament mill-funzjoni tal-prodott.

L-ingredjenti f'konċentrazzjonijiet ta' inqas minn 1 % jistgħu jiġu elenkati f'kull ordni wara dawk ta' konċentrazzjonijiet ta' iktar minn 1 %.

L-aġenti li jagħtu l-kulur jistgħu jiġu elenkati f'kull ordni wara l-ingredjenti l-oħra, skond in-numru ta' l-indiċi tal-kulur jew id-denominazzjoni adottata fl-Anness IV. Għall-prodotti kosmetiċi dekorattivi mqiegħda fis-suq f'numru ta' skali tal-kulur, jistgħu jiġu elenkati l-aġenti kollha li jagħtu l-kulur fil-filliera, sakemm jiġu miżjuda l-kliem “jista' jkun fih” jew is-simbolu “+/-”

Ingredjent għandu jiġi identifikat bl-isem komuni riferit fl-Artikolu 7(2) jew, fin-nuqqas ta' dan, b'wieħed mill-ismijiet riferiti fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 5a(2).

Skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 10(2), il-Kummissjoni tista' taddatta l-kriterji u l-kondizzjonijiet iddikjarati fid-Direttiva tal-Kummissjoni 95/17/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 rigward in-nuqqas ta' l-inklużjoni ta' ingredjent jew iktar fil-lista wżata għall-għoti tattikketti lill-prodotti kosmetiċi <sup>(1)</sup> li taħtom fabbrikant jista, għar-raġunijiet tas-segretezza kummerċjali, japplika sabiex ma jinkludix ingredjent jew iktar fil-lista msemmija hawn fuq.

**▼ M21**

Meta mhux prattikabbli, għal raġunijiet ta' daqs jew għamla, għall-partikularitajiet li hemm referenza dwarhom fil-punti (d) u (g) li jkunu fil-fuljett magħluq ġewwa, dawk il-partikularitajiet għandhom ikunu fuq it-tikketta, żigarella jew biljett li jkunu magħluqin ġewwa jew imwaħħlin mal-prodott kosmetiku.

Fil-każ ta' sapun, boċċi għall-banju u prodotti zġhar oħra fejn mhux prattiku, għal raġunijiet ta' daqs jew għamla, għall-partikularitajiet imsemmija fil-punt (g) biex ikunu fuq it-tikketta, lametta, żigarella jew biljett jew f'fuljett magħluq ġewwa, dawk il-partikularitajiet għandhom jidhru f'avviż jew qrib ħafna tal-kontenitur li fih il-prodott kosmetiku jkun espost għall-bejgħ.

**▼ M14**

2. Għall-prodotti kosmetiċi li mhumiex imballati minn qabel, li huma mballati waqt il-ħin tal-bejgħ fuq talba tax-xerrej, jew huma mballati minn qabel għall-bejgħ immedjat, l-Istati Membri għandhom jadottaw regoli dettaljati għall-indikazzjoni tal-partikularitajiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1.

<sup>(1)</sup> ĠU L 140, tat-23.6.1995, p. 26.

▼ **M14**

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jassiguraw li, fl-ittikkettjar, it-tqegħid għall-bejgħ u r-reklamar ta' prodotti kosmetiċi, it-testi, l-ismijiet, *it-trade marks*, l-istampi u s-sinjali figurattivi jew sinjali oħrajn ma jintużawx biex jimplikaw li dawn il-prodotti għandhom karatteristiċi li m'għandhomx.

► **M37** ————— ◀

▼ **M37**

Iktar minn hekk, il-fabbrikant jew il-persuna responsabbli mit-tqegħid tal-prodott fis-suq Komunitarju jistgħu jieħdu l-vantaġġ, fuq l-imballaġġ tal-prodott jew f'kull dokument, avviż, tikketta, ċirku jew kullar li jakkumpanjaw il-prodott jew jirreferu għalih, mill-fatt illi ma jkunu twettqu l-ebda testijiet fuq l-annimali biss jekk il-fabbrikant jew il-fornituri tiegħu ma jkunu wettqu jew ikkommissjonaw l-ebda testijiet fuq l-annimali fuq il-prodott lest, jew il-protip tiegħu, jew f'ebda ingredjent fih, jew ma wżaw l-ebda ingredjent li jkun ġie ttestjat fuq l-annimali minn oħrajn bil-għan li jiġu żviluppati prodotti kosmetiċi ġodda. Għandhom jiġu adottat linji gwida skond il-proċedura riferita fl-Artikolu 10(2) u ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea. Il-Parlament Ewropew għandu jirċievi kopji tal-miżuri abbozzati sottomessi lill-Kumitat.

▼ **B***Artikolu 7*

1. L-Istati Membri ma jistgħux, għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ħtiġiet stabbiliti f'din id-Direttiva u l-Annessi għaliha, jirrifjutaw, jipprojbixxu jew jirrestrinġu l-*marketing* ta' kwalunkwe prodotti kosmetiċi li jikkonformaw mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva u l-Annessi għaliha.

▼ **M21**

2. Huma jistgħu, b'danakollu, jeħtieġu li l-partikularitajiet li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 6(1)(b), (c), (d) u (f) jintwerew ta' l-anqas fil-lingwa jew fil-lingwi nazzjonali jew uffiċjali; jistgħu jkunu jeħtieġu wkoll li l-partikularitajiet li hemm provvediment dwarhom fl-Artikolu 6(1)(g) ikunu murija f'lingwa li tkun miftelma faċilment mill-konsumatur. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tadotta katalogu ta' l-ingredjenti komuni skond il-proċedura ta' l-Artikolu 10.

3. B'żieda ma' dan, l-Istat Membru jista' għall-finijiet ta' kura medika pronta u xierqa f'każ ta' diffikultajiet, jinħtieġ li l-informazzjoni xierqa u adegwata dwar is-sustanzi użati fil-prodotti kosmetiċi tkun disponibbli għall-awtorità kompetenti, li għandha tassigura li dik l-informazzjoni tintuża biss għall-finijiet ta' din il-kura.

Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti u jibgħat dettalji dwarha lill-Kummissjoni, li għandha tippubblika dik l-informazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropew.

*Artikolu 7a*

1. Il-manifattur jew l-aġent tiegħu jew il-persuna li għall-ordni tagħha l-prodott kosmetiku jkun ġie manifatturat jew il-persuna responsabbli mit-tqegħid fis-suq tal-Komunità ta' prodott kosmetiku impurtat għandhom iżommu għall-iskopijiet ta' kontroll l-informazzjoni li ġejja għall-aċċess fil-pront mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat fl-indirizz speċifikat fuq it-tikketta bi qbil mal-Artikolu 6(1)(a):

▼ **M21**

- (a) il-komposizzjoni kwalitattiva u kwantitativa tal-prodott; fil-każ ta' komposizzjonijiet ta' fwejjaħ u fwejjaħ, l-isem u n-numru tal-kodiċi tal-kompożizzjoni u l-identità tal-fornitur;
- (b) l-ispeċifikazzjonijiet fiżiko-kimiċi u mikrobijoloġiċi tal-materjali mhux maħduma u l-prodott lest u l-purità u l-kriterji għall-kontroll mikrobijoloġiku tal-prodott kosmetiku;
- (c) il-metodu ta' manifattura b'konformità mal-prattika ta' manifattura tajba stabbilita mil-liġi tal-Komunità jew, fin-nuqqas ta' dan, dak stabbilit bil-liġi ta' l-Istat Membru kkonċernat; il-persuna responsabbli għall-manifattura jew l-importazzjoni fil-Komunità għandha jkollha l-livell xieraq ta' kwalifika jew esperjenza professjonali bi qbil mal-legislażzjoni u l-prattika ta' l-Istat Membru li jkun il-post tal-manifattura jew ta' l-ewwel importazzjoni;

▼ **M37**

- (d) l-istima tas-sigurt għas-saħħa tal-bniedem tal-prodott lest. Għal dan il-fini, il-fabbrikant għandu jieħu f'konsiderazzjoni l-profil ġenerali tossikoloġiku ta' l-ingredjenti, il-binja kimika tagħhom u l-livell tagħhom ta' espożizzjoni. Għandhom jitqiesu b'mod partikolari l-karatteristiċi speċifiċi ta' l-espożizzjoni taż-żoni li fuqhom għandu jiġi applikat il-prodott jew il-popolazzjoni li għaliha hu maħsub. Għandu jkun hemm fost ħwejjeġ oħra stima tal-prodotti kosmetiċi maħsuba għall-użu fuq it-tfal taħt l-et ta' tliet snin u tal-prodotti kosmetiċi maħsuba b'mod esklussiv sabiex jintużaw fl-iġjene intima esterna.

Jekk l-istess prodott ikun iffabbrikat f'numru ta' postiet ġewwa t-territorju tal-Komunit, fabbrikant jista' jagħżel post waħdieni tal-fabbrikazzjoni fejn ikun disponibbli dan it-tagħrif. F'konnessjoni ma' dan, u meta hekk mitlub għall-għanijiet tal-monitoraġġ, għandu jkun obligat li jindika l-post hekk magħżul lill-awtorit jew lill-awroritajiet tal-monitoaġġ interessati. F'dan il-każ, it-tagħrif għandu jkun aċċessibbli mingħajr xkiel;

▼ **M21**

- (e) l-isem u l-indirizz tal-persuna kwalifikata jew tal-persuni responsabbli għall-assessjar li hemm referenza dwaru fid-(d). Dik il-persuna għandha jkollha diploma kif definit fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 89/48/KEE fil-qasam tal-farmaċija, tossikoloġija, dermatoloġija, mediċina jew dixxiplina simili;
- (f) id-data eżistenti dwar l-effetti mhux mixtieqa fuq saħħet il-bniedem li jirriżultaw mill-użu tal-prodott kosmetiku;
- (g) prova ta' l-effett mistqarr għall-prodott kosmetiku, meta ġġustifikata bin-natura ta' l-effett jew tal-prodott;

▼ **M37**

- (h) l-informazzjoni dwar kull test fuq l-annimali mwettaq mill-fabbrikant, l-aġenti jew il-fornituri tiegħu, li jkollha x'taqsam mal-valutazzjoni ta' l-iżvilupp jew is-sigurt tal-prodott jew l-ingredjenti tiegħu, inkluż kull test fuq l-annimali mwettaq sabiex jissodisfa l-ħtiġiet legiſlattivi jew regolatorji tal-pajjiżi mhux membri.

Mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni, b'mod partikolari, tas-segretezza kummerċjali u tal-proprjet intellettwali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw illi t-tagħrif meħtieġ taħt il-(a) u l-(f) għandu jingħamel aċċesibbli bla xkiel lill-pubbiku b'kull mezz approprijat, inklużi l-mezzi elettroniċi. ► **M60** L-informazzjoni kwantitattiva meħtieġa taħt il-punt (a) li tkun aċċessibbli pubbli-kament għandha tkun limitata għal sustanzi li jissodisfaw il-kriterji għal kwalunkwe mill-klassijiet jew kategoriji ta' periklu li ġejjin stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008:

▼ **M37**

- (a) klassijiet ta' periklu 2.1 sa 2.4, 2.6 u 2.7, 2.8 tipi A u B, 2.9, 2.10, 2.12, 2.13 kategoriji 1 u 2, 2.14 kategoriji 1 u 2, 2.15 tipi A sa F;
- (b) klassijiet ta' periklu 3.1 sa 3.6, 3.7 effetti negattivi fuq il-funzjonament sesswali u l-fertilità jew fuq l-iżvilupp, 3.8 effetti oħra minbarra effetti narkotiċi, 3.9 u 3.10;
- (ċ) klassi ta' periklu 4.1;
- (d) klassi ta' periklu 5.1. ◀

▼ **M21**

2. L-assessjar tas-sigurtà għal saħħet il-bniedem li hemm referenza dwaru fil-paragrafu 1 (d) għandu jsir bi qbil mal-prinċipju ta' Prattika tal-laboratorju tajba stabbilita fid-Direttiva tal-Kunsill 87/18/KEE tat-18 ta' Diċembru 1986 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' Prattika tal-laboratorju tajba u l-verifika ta' l-applikazzjoni tagħhom għal testijiet fuq is-sustanzi kimiċi <sup>(1)</sup>.

3. L-informazzjoni li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1 għandha tkun disponibbli fil-lingwa jew fil-lingwi nazzjonali ta' l-Istat Membru kkonċernat, jew f'lingwa li tkun miftehma mal-ewwel mill-awtoritajiet kompetenti.

4. Il-manifattur jew l-aġent tiegħu jew il-persuna li għall-ordni tagħha prodott kosmetiku jkun ġie manifatturat, jew il-persuna responsabbli mit-tqegħid fis-suq tal-Komunità ta' prodott kosmetiku impurtat, għandhom jgħarrfu lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru bil-post tal-manifattura jew ta' l-importazzjoni tal-bidu bl-indirizz tal-post tal-manifattura jew ta' l-importazzjoni tal-bidu fil-Komunità ta' prodotti kosmetiċi qabel dawn ta' l-aħħar jitqiegħdu fis-suq tal-Komunità.

5. L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti li hemm referenza dwarhom fil-paragrafi 1 u 4 u għandhom jibagħtu dettalji dwarhom lill-Kummissjoni, li għandha tippubblika dik l-informazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropew.

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-awtoritajiet imsemmija aktar qabel ikomplu jikkoperaw f'oqsma meta din il-koperazzjoni hija meħtieġa għall-applikazzjoni faċli ta' din id-Direttiva.

▼ **M3***Artikolu 8*▼ **B**

1. Bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10 għandhom jiġu stabbiliti dawn li ġejjin:

- il-metodi ta' analiżi meħtieġa sabiex tkun ikkontrollata l-kompożizzjoni ta' prodotti kosmetiċi,
- il-kriterji ta' purità mikrobijoloġika u kimika għal prodotti kosmetiċi u metodi sabiex tkun ikkontrollata l-konformità ma' dawk il-kriterji.

▼ **M21**

2. Il-katalogu ordinarju ta' l-ingredjenti użati fil-prodotti kosmetiċi u, wara konsultazzjoni ► **M37** il-Kumitat Xjentifiku tal-Prodotti Xjentifiċi u tal-Prokodditi Mhux ta' l-Ikel maħsuba għall-Konsumaturi ◀, l-emendi meħtieġa għall-adattament għall-progress tekniku ta' l-Annessi għandhom jiġu adottati skond l-istess proċedura, kif xieraq.

<sup>(1)</sup> ĠU L 15, tas-17.1.1987, p. 29.

▼ **M3***L-Artikolu 8a*

1. Minkejja l-Artikolu 4 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8(2), Stat Membru jista' jawtorizza l-użu fit-territorju tiegħu ta' sostanzi oħra mhux elenkati fil-listi ta' sostanzi permessi, għal ċerti prodotti kosmetiċi speċifikati fl-awtorizzazzjoni nazzjonali tiegħu, soġġetti għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) l-awtorizzazzjoni għandha tkun illimitata għal perjodu massimu ta' tlett snin;
- (b) l-Istat Membru għandu jwettaq kontrolli uffiċjali fuq prodotti kosmetiċi ffabbrikati mis-sostanza jew mit- ► **M60** taħlita ◀ li l-użu tagħha jkun ġie awtorizzati minnu;
- (c) prodotti kosmetiċi b'hekk ffabbrikati għandhom juru indikazzjoni li tkun tidher sewwa li għandha tiġi ddefinita fl-awtorizzazzjoni.

2. L-Istat Membru għandu jgħaddi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra t-test ta' kwalunkwe deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni meħuda bi qbil mal-paragrafu 1 fi żmien xahrejn mid-data li fiha tkun daħlet fis-seħħ.

3. Qabel ma jiskadi l-perjodu ta' tlett snin li għalih hemm provdut fil-paragrafu 1, l-Istat Membru jista' jdaħħal talba għand il-Kummissjoni sabiex tkun inkluża lista ta' sostanzi permessi tas-sostanza mogħtija awtorizzazzjoni nazzjonali bi qbil mal-paragrafu 1. Fl-istess ħin, għandu jipprovi dokumenti ta' sostenn li jagħtu r-raġunijiet li fuqhom iqis li tali inklużjoni hija ġġustifikata u għandu jindika l-użu li s-sostanza jew it- ► **M60** taħlita ◀ tkun maħsuba għalih. Fi żmien 18-il xahar mis-sottomissjoni tat-talba, għandha tittieħed deċiżjoni fuq il-bażi ta' l-aħħar tagħrif tekniku u xjentifiku, wara konsultazzjoni, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew ta' Stat Membru, ► **M37** il-Kumitat Xjentifiku tal-Prodotti Xjentifiċi u tal-Prokodditi Mhux ta' l-Ikel maħsuba għall-Konsumaturi ◀ u bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10 fuq jekk is-sostanza in kwistjoni tistax tkun inkluża f'lista ta' sostanzi permessi jew jekk l-awtorizzazzjoni nazzjonali għandhiex tkun irrevokata. Minkejja l-paragrafu 1 (a), l-awtorizzazzjoni nazzjonali għandha tibqa' fis-seħħ sakemm tittieħed deċiżjoni fuq it-talba għall-inklużjoni fil-lista.

▼ **M37***L-Artikolu 9*

Kull sena l-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar:

- (a) il-progress magħmul fl-iżvilupp, il-validazzjoni u l-aċċettazzjoni legali tal-metodi alternattivi. Ir-rapport għandu jkun fi h informazzjoni preċiża dwar in-numru u t-tip ta' l-esperimenti li għandhom x'jaqsmu mal-prodotti kosmetiċi mwettqa fuq l-animali. L-Istati Membri għandhom ikunu obbligati li jiġbru dan it-tagħrif b'żieda mal-ġbir ta' l-istatistika stabbilita bid-Direttiva tal-Kunsill 86/609/KEE ta' l-24 ta' Novembru 1986 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-protezzjoni ta' l-animali wżati għall-għanijiet sperimentali u xjentifiċi oħra <sup>(1)</sup>. Il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tiżgura l-iżvilupp, il-validazzjoni u l-aċċettazzjoni legali tal-metodi alternattivi tat-testijiet li ma jużawx animali ħajjin.
- (b) il-progress magħmul mill-Kummissjoni fl-isforzi tagħha sabiex tikseb l-aċċettazzjoni mill-*OECD* tal-metodi alternattivi vvalidatoj fil-livell Komunitarju u l-konossiment mill-pajjiżi mhux membri tar-riżultati tat-testijiet tas-sigurt mwettqa fil-Komunit bl-użu tal-metodi alternattivi, b'mod partikolari, fil-kwadru tal-ftehimijiet ta' kooperazzjoni bejn il-Komunit u dawn il-pajjiżi;

(1) ĠU L 358, tat-18.12.1986, p. 1.



**▼ M37**

- (ċ) il-manjiera li fiha jkunu tqiesu l-ħtiġiet speċifiċi ta' l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju.

*Artikolu 10*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Permanenti tal-Prodotti Kosmetiċi.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE wara li jkunu ġew ikkun-sidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi stabbilit għal tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

**▼ B***Artikolu 11*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5 u mhux aktar tard minn sena wara li jiskadi l-perjodu stabbilit fl-Artikolu 14(1) għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha, fuq il-bażi tar-riżultati ta' l-aħħar riċerka xjentifika u teknika, tissottometti għand il-Kunsill proposti xierqa li jistabbilixxu listi ta' sustanzi permessi.

*Artikolu 12*

1. Jekk Stat Membru jinnota, fuq il-bażi ta' ġustifikazzjoni sostnuta, li prodott kosmetiku, għalkemm ikun jikkonforma mal-ħtiġiet tad-Direttiva, ikun ta' perikolu għas-saħħa, jista' jipprojbixxi proviżorjament is-suq ta' dak il-prodott fit-territorju tiegħu jew jagħmlu soġġett għal kundizzjonijiet speċjali. Għandu jinforma dwaru minnufih lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, waqt li jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.

**▼ M14**

2. Il-Kummissjoni għandha malajr kemm jista' jkun tikkonsulta ma' l-Istati Membri konċernati, u wara dan tagħti l-opinjoni tagħha mingħajr dewmien u tiegħu l-passi xierqa.

**▼ B**

3. Jekk il-Kummissjoni tkun ta' l-opinjoni li jkunu meħtieġa addattamenti tekniċi għad-Direttiva, tali addattamenti għandhom jiġu adottati jew mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10. F'dak il-każ, l-Istat Membru li jkun adotta miżuri ta' protezzjoni jista' jżommhom sakemm jidħlu fis-seħħ l-addattamenti.

*Artikolu 13*

Għandhom jiġu mogħtija raġunijiet preċiżi għal kwalunkwe miżuri individwali li jpoġġu restrizzjoni jew projbizzjoni fuq il-marketing ta' prodotti kosmetiċi meħudin bi qbil ma' din id-Direttiva. Għandu jiġi notifikat lill-parti konċernata flimkien ma' dettalji tar-rimedji disponibbli għalih taħt il-liġijiet fis-seħħ fl-Istati Membri u bil-limiti ta' żmien permessi għall-eżerċizzju ta' tali rimedji.

*Artikolu 14*

